# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
# 2016
# Il-Malti: It-Taħdit
# L-Iskema tal-Marki

<table>
<tr><th colspan="3">IL-KRITERJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-MALTI MITKELLEM</th></tr>
<tr><td colspan="3">Il-vokabularju (4 marki)<br>0 - 1 - 2 - 3 - 4</td></tr>
<tr><td>Jinqeda biss bi kliem u frażijiet bażiċi fil-mod kif jesprimi ruħu. Idur għal kliem jew frażijiet b'lingwa oħra li mhix il-Malti.</td><td></td><td>Juża firxa wiesgħa ta' vokabularju li jkun addattat għas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit.</td></tr>
<tr><td colspan="3">It-taħdit mexxej u l-interazzjoni (4 marki)<br>0 - 1 - 2 - 3 - 4</td></tr>
<tr><td>Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, imma jkun jeħtieġ għajnuna kontinwa.</td><td></td><td>Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, bla skossi u mingħajr tbatija żejda.</td></tr>
<tr><td colspan="3">Il-korrettezza grammatikali (4 marki)<br>0 - 1 - 2 - 3 - 4</td></tr>
<tr><td>Jieħu żbalji morfoloġiċi u sintattiċi.</td><td></td><td>Jinqeda b'kostruzzjonijiet morfoloġiċi u sintattiċi korretti.</td></tr>
<tr><td colspan="3">Ir-relevanza tad-diskors (3 marki)<br>0 - 1 - 2 - 3</td></tr>
<tr><td>It-tweġibiet mhumiex relevanti minkejja l-għajnuna li jingħata.</td><td></td><td>Jifhem il-mistoqsijiet u/jew l-istruzzjonijiet u jwieġeb b'mod relevanti.</td></tr>
<tr><td colspan="3">It-tlissin tal-kliem u l-intonazzjoni tad-diskors (3 marki)<br>0 - 1 - 2 - 3</td></tr>
<tr><td>Il-kliem huwa mlissen b'mod żbaljat u b'influwenza ta' lingwa barranija fl-intonazzjoni.</td><td></td><td>Il-kliem huwa mlissen b'mod tajjeb u b'intonazzjoni korretta.</td></tr>
<tr><td colspan="3">Taħriġ 3 – Qabbel l-Istampi u Taħriġ 4 – Stampa Fuq Tema (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">Marka speċjali għal QABBEL L-ISTAMPI:<br>Tingħata lil min jitħaddet b'mod loġiku dwar l-assoċjazzjoni jew in-nuqqas ta' assoċjazzjoni bejn iż-żewġ stampi, dejjem mingħajr il-ħtieġa ta' suġġerimenti jew tqanqil mingħand l-interlokutur.<br><br>Marka speċjali għal STAMPA FUQ TEMA:<br>Tingħata lill-istudenti li kapaċi jitħaddtu b'mod li jsaħħu l-opinjoni/jiet li jipprovdu.</td></tr>
</table>